**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 104/2011**

**Gaetano sive Gejtu Camilleri K.I. 650758M f'ismu propju u bhala mandatarju tal-assenti Joseph Camilleri, Victor Camilleri, Silvio Camilleri u Spiridione Camilleri, Anthony Camilleri K.I. 834539M; Anna Calleja K.I. 169356M; Maria Vella K.I. 814751M; Carmelo Camilleri K.I. 18349M**

**vs**

**Charles Camilleri (K.I. 423884M)**

**Illum 3 ta' Marzu, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk;

1. Illi r-rikorrenti huma sidien tal-fond 229, Triq Hal Qormi, Marsa.

2. Illi dan il-fond kien gie rekwizizzjonat mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali bis-sahha ta' ordni mahruga minnu, u sussegwentement id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali kien akkomoda fl-istess fond lil John Camilleri, missier l-intimat.

3. Illi dan il-fond gie derekwizizzjonat mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali fis-17 ta' Jannar 2006 – Dokument A anness.

4. Illi l-intimat kien mizzewweg u kellu r-residenza separata tieghu go fond iehor fil-Marsa flimkien ma' martu Isabelle Camilleri nee' Azzopardi, imbaghad hu kien issepara minn ma' martu u ftit taz-zmien ilu rega' mar jabita fil-fond mertu tal-kawza.

5. Illi omm l-intimat mietet fid-19 ta' Lulju 2011, meta l-intimat lanqas biss kien qed jghix fil-fond mertu tal-kawza, billi kien qed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u missieru kien miet qabel ommu [omm l-intimat]

6. Illi b'mod sorprendenti, fil-gimghat li ghaddew l-intimat ipprezenta cedola ta' depozitu ta' kera fejn ivvanta li hu ghandu l-inkwilinat ta' dan il-fond.

7. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, billi l-intimat m'ghandu assolutament l-ebda jedd ta' kera dwar il-fond 229, Triq Hal Qormi, Marsa u ma jikkwalifikax bhala inkwilin.

8. Illi safejn jafu r-rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet/difiza x'jaghti kontra din it-talba u ghaldaqstant il-Bord qed jigi mitlub sabiex jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi il-Bord li Jirregola l-Kera m'ghandux:

1. Jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Jiddikjara illi l-intimat m'ghandux dritt li jokkupa b'titolu ta' kera l-fond 229, Triq Hal Qormi, Marsa.

3. Jordna ghar-ragunijiet fuq premessi lill-intimat sabiex jivvaka mill-fond 229, Triq Hal Qormi, Marsa u

jipprefiggi zmien qasir u perentorju li fih l-intimat ghandu jizgombra mill-istess fond, u jnehhi dak kollu li huma hwejjgu u jikkonsenja l-pussess battal ta' l-istess fond lir-rikorrenti, u jawtorizza ghaldaqstant lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess ta' dan il-fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-intimat ai termini tal-Artikolu 16A(5)(a) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011, dan il-Bord ma' laqax l-ewwel talba tar-rikorrenti ghad-dispensa tas-smiegh u awtorizza lill-intimat jipprezenta r-risposta tieghu ghar-rikors promotur fi zmien ghoxrin (20) gurnata.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat li tghid;

1. Illi fit-12 ta' Ottubru 2011 ir-rikorrenti pprezentaw rikors guramentat fejn fost it-talbiet taghhom fl-ewwel talba taghhom talbu lill-Bord li Jirregola l-Kera 'Jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta'

2. Illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011, dan il-Bord ma' laqghax din l-ewwel talba tar-rikorrenti u

awtorizzat lill-intimat jipprezenta r-risposta tieghu ghar-rikors promotur fi zmien ghoxrin (20) gurnata.

3. Illi b'risposta ghar-rikors promotur tar-rikorrenti, l-intimat jghid li l-fond inkwistjoni li jinsab fl-indirizz 229, Triq Hal Qormi, Marsa kien mikri lil John Camilleri li jigi missier l-intimat kemm qabel kif ukoll wara li dan il-fond gie derekwizizzjonat.

4. Illi in oltre l-imsemmi John Camilleri, illum mejjet, kien flimkien ma' hutu l-atturi fil-kawza odjerna, wiehed mill-werrieta tal-fond mertu ta' din il-kawza li kien jifforma parti mill-assi tal-genituri ta' l-imsemmija ahwa Camilleri.

5. Illi wara li miet missier l-intimat il-kirja tal-fond inkwistjoni waqghet fuq Frances Camilleri, omm l-intimat.

6. Illi l-imsemmija Frances Camilleri mietet fid-19 ta' Lulju 2011.

7. Illi l-intimat ghamel zmien twil jghix fil-fond inkwistjoni.

8. Illi huwa minnu li l-intimat kien izzewweg izda fl-24 ta' Mejju tas-sena 2004 huwa ssepara minn ma' martu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Marco Burlo u l-ghada u cioe' fil-25 ta' Mejju tas-sena

2004 huwa rega’ mar jghix ma’ ommu fil-fond mertu ta’ din il-kawza (Dok A).

9. Illi tul iz-zwieg tieghu u cioe’ sal-24 ta’ Mejju tas-sena 2004 kif inghad, l-esponent kien jghix fid-dar matrimonjali li kien proprjeta’ parafernali ta’ martu flimkien ma’ l-istess martu u t-tlett (3) ulied li kellhom u ghalhekk meta huwa ssepara huwa ma kellu imkien iehor fejn imur hlief lura ghand ommu fil-fond mertu ta’ dawn il-proceduri.

10. Illi l-esponent dam jghix flimkien ma’ ommu fil-fond imsemmi sa l-ahhar tax-xahar ta’ Jannar tas-sena 2010 meta huwa dahal gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin jiskonta sentenza.

11. Illi ghar-ragunijiet premessi mhux minnu li l-intimat m’ghandu l-ebda jedd ghall-kirja fuq il-fond 229, Triq Hal Qormi, Marsa u li ma jikkwalifikax bhala inkwilin skont il-Ligi.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghogbu ghar-ragunijiet premessi jichad it-tieni u tielet talbiet tar-rikorrenti.

Ra illi fl-10 t'April 2013, ir-rikorrenti resqu n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom;

Ra illi fis-07 ta' Mejju 2013, l-intimat ressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu;

Ra illi permezz ta' nota prezentata fil-11 t'April 2014, ir-rikorrenti rrinunzjaw ghal dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom intitolata "L-effett tad-derekwizizzjoni".

Ra illi fis-seduta tal-05 t'Ottubru 2015 il-partijiet iddikjaraw illi se jistriehu fuq in-nota ta' sottomissjonijiet prezentati fl-atti u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza u qies il-provi kollha prodotti;

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu illi l-intimat jigi zgumbrat mill-fond 229, Triq Hal Qormi, Marsa minhabba illi r-rikorrenti jallegaw li l-intimat m'ghandux dritt li jokkupa b'titolu ta' kera l-fond 229, Triq Hal Qormi, Marsa.

Illi permezz ta' nota prezentata fil-11 t'April 2014, ir-rikorrenti rrinunzjaw ghal dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom intitolata "L-effett tad-derekwizizzjoni" u ghalhekk dan il-Bord mhux se jiddikjara ruhu dwarha.

Illi stante tale rinunzja da parti tar-rikorrenti, r-rikorrenti qeghdin jammettu illi missier l-intimat John Camilleri kellu titolu ta' kera validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi, mill-provi kollha prodotti, l-Bord ma jistax jaqbel mat-tezi tar-rikorrenti illi l-intimat ma ghamilx perjodu ta' erba' snin mill-ahhar hames snin mill-mewt tal-kerrej jghix fl-imsemmi fond u ma baqax jghix fl-imsemmi fond sad-data tal-mewt tal-kerrej u dan minhabba illi fid-data tal-mewt ta' ommu l-intimat kien jinsab jiskonta sentenza fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Illi l-Bord huwa sodisfatt illi dan il-kriterju huwa pjenament sodisfatt mill-intimat stante illi huwa irrisjeda ghal aktar minn erba' snin fl-imsemmi fond sad-data tal-mewt ta' missieru, l-inkwilin originali u oltre dik id-data hekk kif jiccertifika d-Dokument "A", a fol. 18 tal-process, anness mar-risposta guramentata tal-intimat li huwa dikjarazzjoni maghmula quddiem Nutar li turi li l-intimat mar jghix fl-imsemmi fond sa mill-25 ta' Mejju 2004 u baqa' jghix hemmhekk sal-25 ta' Jannar 2010 u cioe perjodu ferm itwal mill-erba' snin rikjesti mil-ligi. Mhux biss izda baqa' jirrisjedi hemmhekk anke meta l-kirja waqghet fuq omm l-intimat sal-gurnata tal-mewt taghha. U kien biss minhabba li gie kkundannat jiskonta sentenza fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi huwa hareg mill-imsemmi fond temporanjament sakemm jiskonta l-imsemmija sentenza.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013, Gaetano Camilleri in kontro-ezami, a fol. 140 tal-process, ikkonferma illi l-intimat kien mar jghix fil-fond mertu tal-kawza fl-2004 wara li ssepara minn ma' martu. Ikkonferma wkoll li meta miet missier l-intimat, l-intimat kien ghadu jghix fil-fond mertu tal-kawza.

Illi l-Bord ghalhekk huwa konvint illi mill-provi prodotti l-intimat jissodisfa pjenament dak li titlob il-ligi sabiex jikkwalifika bhala inkwilin b'titolu validu fil-ligi.

Illi l-Bord ma jistax jaqbel ma' l-argument tar-rikorrenti illi l-inkarcerazzjoni tal-intimat kienet ghazla tieghu ghaliex kien hu illi ghazel li jikser il-ligi u ghalhekk irid joqghod ghall-konsegwenzi tal-azzjonijiet tieghu. Illi fil-fatt l-intimat qieghed jahsad il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tieghu u jinsab inkarcerat u qed jiskonta s-sentenza imposta fuqu mill-Qorti Kriminali ghall-azzjonijiet illegali tieghu. Pero tali konsegwenza ma tinkludix ukoll illi huwa jitlef id-dritt ta' inkwilinat moghti lilu mil-ligi li tirregola l-kera. Il-Bord ihoss illi anke kieku wiehed kellu jaccetta l-argument illi din kienet ghazla tieghu r-ragunijiet li l-ligi tahseb specifikatament ghalihom u li huma mnizzla fl-Artikolu 1531F huma ragunijiet ta' xoghol u studju li huma wkoll ghazla libera ta' dak li jkun izda imbaghad il-ligi tahseb ukoll ghal ragunijiet ta' kura medika li ovvjament mhix ghazla ta' dak li jkun.

Ghaldaqstant il-Bord ihoss li, bl-istess mod, dan il-proviso fl-Artikolu 1531F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika wkoll ghall-perjodu ta' inkarcerazzjoni li huwa mpost mil-ligi temporanjament fuq il-hati, fil-kaz odjern fuq l-intimat, biex jaghmel tajjeb ghall-izball li jkun ghamel, u dan ghalhekk minghajr ma jinkombi fil-penalitajiet imposti fil-ligi fil-kaz ta' persuna li ma tkunx issodisfat il-kriterji mehtiega mil-ligi sabiex persuna takkwalifika ghat-titolu ta' kera validu fil-ligi  taht l-istess Artikolu. Dan stante wkoll il-fatt illi fil-kaz odjern il-perjodu ta' inkarcerazzjoni huwa wiehed temporanju u ghandu skadenza determinata u ma hux perjodu permanenti jew in perpetwu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur